**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Gatt**
**V**

## VICTOR CHETCUTI

**Illum, 17 ta' Dicembru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VICTOR CHETCUTI** ta’ erbgha w erbghin sena, bin Paul u Giovanna nee Xuereb, imwieled n-Naxxar nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Novembru, 1956 u joqghod 'L-Gharix', Triq l-Ghallis, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 772556M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999 ghall-habta tad-disgha ta' bil-lejl, fi Triq Bisazza, Sliema, voluntarjament hassar, ghamel hsara fuq vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni IAB 481 tal-marka Renault jew gharraq l-istess vettura, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Fiona Soler u Marie Soler

minn Tas Sliema liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin imma hija izjed minn hamsin lira maltin.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 2001 esibit f'dawn l-atti a fol 13 u li huwa mmarkat bhala dokument CSH 2.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-ammissjoni tal imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-tletin ta' Novembru, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta, anke mill-istess ammissjoni tal-imputat, li huwa kkaguna hsara fil-vettura registrata f'isem Marie Soler fl-ammonta ta' mitejn, tmienja w ghoxrin lira maltin u tmienja w ghoxrin centezmu bhala hsara fil-vettura, kif jirrizulta mill-*invoices* relattivi esibiti fl-atti, s-somma ta' tlett mitt lira maltin in kwantu spejjes inkorsi mal-gbir tar-rapport tal-Pulizija u s-somma ta' hames liri u hamsa w sebghin centezmu rappresentanti l-hlasijiet li saru ghal hrug ta' *survey report*. B'hekk l-ammont totali huwa ta' mitejn, sebgha w tletin lira maltin u tlett centezmi.

Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tletin ta' Jannar, 2001, l-imputat lest li jaghmel tajjeb ghall-hsarat kagjonati fuq il-vettura Renault in kwistjoni tant li diga ghadda l-flus lil Avukat Diofensur tieghu sabiex dawn il-flejjes jghaddu favur is-socjeta assikurattrici Gasan & Mamo li ghamlet tajjeb ghal dawn l-ispejjes.

Il-Qorti esaminat l-fedina penali tal-imputat u jirrizulta li l-imputat diga ghandu diversi kontravenzjonijiet u reati registrati fuqha u cioe tnax il-*conviction,* ghalkemm kollha ta' portata zghira, xorta huma numru konsiderevoli .

Illi minn ezami ta' din il-*conviction sheet* jirrizulta li l-imputat ghandu karattru impulsiv u ma jhobbx jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Il-Qorti tikkundanna dan l-agir tal-imputat f'socjeta demokratika u tissolecita lil imputat sabiex jbiddel hajtu, jikkalma u jizen l-komportament tieghu qabel ma jagixxi.

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u flimkien mal-ammissjoni tieghu u l-fatt li s-socjeta ma sofrietx danni

materjali, huma sejrin jittiehdu in konsiderazzjoi meta l-Qorti tigi biex tapplika l-piena idoneja.

**Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(b) tal-Kap 9, tiddikjara li qed ssib lil imputat VICTOR CHETCUTI hati ta' dawn l-akkuzi u tikkundannah multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**